*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,725, 29 ta' Diċembru, 1998*
*Taqsima B*

**A.L. 275 ta' l-1998**

## ATT TA' L-1993 DWAR IT-TAXXA FUQ DOKUMENTI U TRASFERIMENTI (ATT NRU. XVII TA' L-1993)

### Ordni ta' l-1998 dwar Eżenzjoni mit-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti dwar Taxxa fuq Trasferimenti li jeħtieġu permess mill-Ministru bis-saħħa ta' l-Att dwar l-Akkwist ta' Proprjetà Immobbli minn Persuni mhux Residenti

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 23 ta' l-Att ta' l-1993 dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, il-Ministru tal-Finanzi ordna li, b'seħħ mill-1 ta' Jannar, 1999, iż-żieda fit-taxxa li mod ieħor kienet tiġi imposta bis-saħħa tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 32 ta' l-imsemmi Att fuq trasferimenti ta' proprjetà immobbli li jeħtieġu permess mill-Ministru taħt l-Att dwar l-Akkwist ta' Proprjetà Immobbli minn Persuni mhux Residenti, u sakemm l-applikazzjoni għal dan il-permess lill-Ministru tkun saret wara l-31 ta' Diċembru, 1998, tkun imnaqqsa għal tlieta fil-mija ta' l-ammont jew tal-valur ta' dak li jingħata bi ħlas għat-trasferiment tal-proprjetà immobbli jew tal-valur tal-proprjetà immobbli, skond liema jkun l-akbar.